

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd”**

(COM(2017) 0424 final — 2017/0190(COD))

(2018/C 081/23)

Relatur: **Gabriel SARRÓ IPARRAGUIRRE**

Konsultazzjoni	Il-Kunsill, 14.9.2017 Il-Parlament Ewropew, 11.9.2017
Bażi legali	Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Deċiżjoni tal-Bureau	19.9.2017
Sezzjoni kompetenti	Agrikoltura, Żvilupp Rurali u Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	3.10.2017
Adottata fis-sessjoni plenarja	18.10.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	529
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	179/2/2

## 1. Il-pożizzjoni tal-KESE

1.1. Fkonformità mal-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar “L-obbligu tal-ħatt”<sup>(1)</sup>, fejn talab għall-miżuri neċessarji ta’ flessibilità biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni gradwali tal-obbligu ta’ ħatt l-art, il-KESE jappoġġja l-proposta biex tiġi estiża s-setgħa tal-Kummissjoni Ewropea biex tadotta pjani għall-iskartar permezz ta’ atti delegati għal perjodu addizzjonali ta’ tliet snin.

1.2. Madankollu, hemm il-biża’ li t-tliet snin proposti mhumiex biżżejjed biex jiġu adottati l-pjani multiannwali reġjonali kollha u li fl-aħħar tal-2020 ser insibu ruħna f’sitwazzjoni simili għal dik attwali. Il-KESE kien jippreferi estensjoni itwal.

## 2. Kummenti

2.1. L-implimentazzjoni gradwali tal-obbligu ta’ ħatt l-art (l-ewwel Regolamenti delegati tal-Kummissjoni li jistabbilixxu l-pjani ta’ skartar daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2015) ħarġet fid-dieher għadd ta’ problemi.

2.1.1. L-aktar problema serja kienet mingħajr dubju ta’ xejn, u ser tibqa’ tkun dejjem aktar, dik li tinholq minħabba l-hekk imsejħin speċijiet bi kwota limitanti (“choke species”), jiġifieri dawk l-ispeċijiet li minnhom operatur ikollu kwota żgħira jew xejn, iżda li madankollu jidħlu fix-xbieki u taġġmir ieħor tas-sajd. Il-mekkaniżmi ta’ flessibilità inklużi fir-Regolament huma għalkollox insuffiċjenti biex tiġi indirizzata din ir-realtà. Meta fl-2019 jidħol fis-seħħ b’mod sħiħ l-obbligu ta’ ħatt l-art, ser ikunu ħafna dawk il-bastimenti tas-sajd li, għalkemm ikollhom kwota mhux milħuqa tal-ispeċijiet fil-mira tagħhom, ser ikollhom jibqgħu marbutin fil-port mingħajr ma jkunu jistgħu joħorġu għas-sajd peress li jkunu eżawrew il-kwota żgħira ta’ speċijiet aċċessorji.

2.1.2. Kwistjoni oħra mhux riżolta hija l-adekwatezza tal-portijiet tas-sajd u l-pixkeriji tagħhom għall-bejgħ ta’ speċijiet li tradizzjonalment kienu jiġu skartati u li issa għandhom jinħattu l-art. Bl-istess mod, il-limitazzjoni tal-bejgħ ta’ ħut żgħir mhux maħsub għall-konsum mill-bniedem toħloq problemi addizzjonali peress li f’ħafna portijiet tal-UE la jeżistu infrastrutturi u lanqas intrapriżi li jbiegħu dan it-tip ta’ materja prima.

<sup>(1)</sup> ĠU C 311, 12.9.2014, p. 68

2.1.3. Fl-aħħar nett, qiegħed jizzied il-bżonn għall-ispazju għall-ħżin abbord u fuq kollox qed jizzied l-ammont ta' xogħol tal-persunal, li huwa obligat jikklassifika aktar speċijiet u daqsijiet, u b'hekk jizziedu l-istress u r-riskji.

Brussell, it-18 ta' Ottubru 2017.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---